MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2009

Appell Kriminali Numru. 4/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Elton Taliana)**
**Vs**
**Matthew Borg**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-7 ta' Lulju, 2008, u/jew fil-granet ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, ta fastidju lil Claire Borg billi dejjaqha permezz ta' telefonati kontinwi w insegwimenti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 ta' Jannar, 2009, li biha, wara li rat l-artikolu 251A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati tal-akkuza kif dedotta w b'applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, rabtet lill-appellant b'obbligazzjoni personali taht penali ta' mitejn Euro (€200) milli jivvessa lil Claire Borg

permezz ta' telefonati kontinwi w dan ghal zmien 12-il xahar.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-19 ta' Jannar, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka w thassar is-sentenza appellata w tillibera lill-appellant minn kull akkuza w piena jew sussidjarjament tvarja s-sentenza appellata billi tnaqqas il-piena applikata kontrih tenut kont tac-cirkostanzi kollha partikolari ta' dan il-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant li jikkonsistu fis-segwenti w cioe' :-

1. illi l-Ewwel Qorti tat interpretazzjoni erronea tar-reat in kwistjoni meta applikat id-disposizzjoni tal-artikolu 251A ghall-fatti in kawza. Kif gie ritenut mill-Qrati taghna ir-reat ta' fastidju jissussisti jekk ikun hemm "a course of conduct" b'mod li l-persuna li ggib ruhha b'mod li taghti fastidju tkun taf jew immissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. It-"test" applikat mill-Qrati taghna huwa dak tal-"reasonable man". Il-Ligi stess tippermetti lill-akkuzat jiddefendi ruhu kontra l-akkuza billi jipprova li fic-cirkostanzi, l-agir tieghu kien ragjonevoli.
2. illi l-appellant, meta kien ghaddej mill-Iklin, lemah il-karozza ta' martu barra l-ispizerija w thasseb li t-tifel kien ma jiflahx u dahal fl-ispizerija biex isaqsiha jekk it-tifel kienx ma jiflahx izda martu lanqas biss wegbitu w harget il-barra. Ma kien hemm ebda insegwiment kif qed jigi allegat imma biss reazzjoni ta' missier interessat f'ibnu ta' tlett snin;
3. illi jirrizulta mill-fatti li hu cempel biex ikellem lill-ibnu fil-granet li mhumiex tal-access u dan ma jikkostitwixxix ir-reat ta' fastidju;
4. illi lanqas jirrizulta mill-provi prodotti li l-appellant kien hati ta' xi agir li seta' kkaguna xi biza jew li jidhol fir-relm ta' fastidju;
5. illi l-piena li giet applikata kienet eccessiva fid-dawl tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Semghet ix-xhieda ta’ Claire Borg, Charlo’ Farrugia w tal-appellant dwar l-allegat fastidju.

Rat il-verbal li bih, ghal kull buon fini, l-appellant obbliga ruhu quddiem din il-Qorti illi ma jippruvax jikseb kuntatt telefoniku jew b’insegwimenti mal-parte civile hlief ghall-kuntatti inevitabbli li jrid ikun hemm meta jmur jiehu l-konsenja tat-tifel minuri w jerga’ jregghu lura lill-parte civile meta jispicca l-hin tal-access.

Rat ukoll il-verbal li bih, in vista ta’ din l-obbligazzjoni, l-parte civile ddikjarat illi m’ghandix interess iktar f’din il-kawza sakemm l-appellant izomm il-kelma tieghu.

Billi mhix sodisfatta li jirrizultaw l-estremi li trid il-Ligi f’kazijiet ta’ fastidju, tara li f’dan il-kaz l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant ma tirrizultax.

Il-Qorti, ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, qed tilqa’ l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberah minn kull imputazzjoni w garanzija mposta fuqu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------